KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 6**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tlieta, 20 ta' Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali Qala Itaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 20 ta' Awwissu, 2024, fl-16:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Rene Abela - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 6.1 Talba

6.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 6.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

6.2 Il-Membri kienu kollha preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 6.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti u tal-Iskeda ta' Pagamenti numru 7.

6.3.1 Il-Minuti u l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 07/2024 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ ressaq talba li ġiet sekondata mill-Kunsilliera Valerie C Mejlak. Dan għal żewġ emendi f'punt 5.8 u 5.9. Kien hemm qbil dwar il-korrezzjoni mitluba. Għalhekk ġew emendati u approvati u wara iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata unanimament.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti:

- L-Open day tal-librerija li saret fil-21ta' Lulju kienet suċċess kbir u tqassmu fuq 70ktieb. Ippropona li ssir Open day oħra li tista tkun amalgamata mal-attivitajiet tal-Milied għat-tfal. Kien hemm qbil dwar dan. Semma li ġejna mitluba sabiex isir a/c ieħor żgħir kif ukoll Smart TV biex iservi għal taħdidiet edukattivi. Kien hemm qbil dwar dan kif ukoll sabiex l-a/c tal-librerija jiġi trasferit għall-uffiċċju minħabba li dak li hemm mhux jaħdem u jsir ieħor akbar għal-librerija.
- Staqsa jekk hemmx qbil sabiex bħal ma jsir kull sena ssir ħarġa kulturali għal Malta għall-aħħar ta' Settembru jew bidu ta' Ottubru. Ippropona li bħala parti mill-ħarġa ssir żjara lill-Eċċellenza, President ta' Malta. Kien hemm qbil dwar dan.
- Semma jekk hemmx qbil li jsiru proġetti ta' tisbiħ madwar il-Qala f'dawn il-postijiet. Spjega li aktar il-quddiem se jkun qed jagħti dettalji dwar kif se jiġu l-fondi għal dawn il-proġetti.
- Proġetti ta' tisbieħ fil-Playing field ta' Kassja, Ġnien ta' ħdejn il-Bost tas-Surmast Anton Buttiġieġ, Belveder żgħir fi Triq il-Wileġ, Belveder fi Triq il-Barbaġan; Roundabout ta' Ġulju, Belveder triq iż-Żewwieqa, Andar ix-Xagħri, Triq Simar, Landscaping aħjar fi Triq ta' Hondoq fejn hemm ix-xtieli u palm, belveder triq il-Kalati Puniċi kantuniera ma Triq il-Kunċizzjoni biswit il-Kappella. Il-Kunsilliera V.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

C Mejlak semmiet li dawn il-proġetti kienu diġa tressqu minnha, minn Karl u mill-Viċi Sindku preċedessur Ivan Ċefai biex isiru. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li kull proġett għandu jiġi diskuss. L-Viċi Sindku u l-Kunsillier Rene Abela qablu li jsiru dawn il-proġetti.

- Semma li l-proġett tar-roundabouts li jinsabu fi stat ħażin, hemm bżonn li jsiru u staqsa jekk hemmx qbil li jekk jinstabu l-fondi għalihom jsiru kemm jista jkun malajr. Il-Kunsillier K Buttigieg, stqarr li jekk jerġgħu jsiru l-linji sofor kif suppost jaqbel imma mportanti li kulħadd ikun infurmat. Il-Kunsilliera V. C Mejlak qalet li l-linji sofor ma sarux b'inkejja pero jekk jinstabu l-fondi taqbel li jsiru r-roundabouts. L-Viċi Sindku u l-Kunsillier Abela qablu wkoll li jsiru jekk ikun hemm il-fondi.
- Issuġġerixxa li jsir leaflet għar-residenti dwar is-servizzi kollha li joffri l-Kunsill. Il-Kunsillier K Buttiġieġ issuġġerixxa li nitolbu l-informazzjoni mill-Primary Health Care sabiex ninkludu wkoll is-servizzi li qed jiġu offruti mill-Berġa. Kien hemm qbil dwar dan.
- Ippropona li ssir biċċa arti oħra magħmula mill-Mosaic u ssuġġerixxa li tinbidel il-Merħba Qala li hemm ħdejn salib it-toroq fi Triq l-Imġarr. Staqsa jekk il-membri jaqblux ma dan. Il-Kunsillier K Buttiġieġ qal li dik li hemm tibqa hemm u l-biċċa arti tal-mosaic ssir aktar l'fuq lejn il-Qala. Kien hemm qbil sabiex issir fejn il-bandi u għalhekk qablu sabiex jinkiseb disinn. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lill-membri li l-Kunsill kien ordna tlett tabell ġodda, Welcome Qala u li jridu jitwaħħlu.
- Semma li hu jaqbel li jiżdiedu l-bus routes u talab lis-Seg. Eżekuttiv għal update. Hi nfurmat lill-membri li bagħtet diversi imejls u pruvat ukoll iċċempel lid-Direttur, pero' sal-lum għadna bla risposta.
- Semma li l-ħarġa bid-dgħajsa li saret fis-16ta' Awwissu kienet suċċess. Irringrazzja lill-Profs. Deidun tal-informazzjoni li ta. Semma li kull persuna nkluż hu u martu ħallsu €13 kull wieħed għall-biljetti.
- Semma li bħala Kunsill għandna nkunu kuntenti li tajna sehem sostanzjali biex ir-raħal kellu festa mill-aqwa. Urha s-sodisfazzjon tiegħu għat-tindif li sar ser mill-kuntrattur għat-tindif straordinarju kif ukoll mill-kuntrattur li normalment inaddfu l-pjazza.
- Semma li l-Lejla Għawdxija kienet suċċess u rringrazzja lis-Seg. Eżekuttiv u l-ħaddiema kollha tal-kunsill kif ukoll lil kull min għin.
- Semma li b'dispjaċir l-Kunsill kellu joħroġ kjarifika amministrattiva minħabba allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-Kunsill dwar in-nuqqas tal-ħarġa bit-train għax-xalata tal-festa. Dan minħabba l-post u l-kummenti taw l-impressjoni li l-kunsill ma tax permess għal-ħarġa meta ma kienx il-każ. Spjega li bħal ma spjegat diversi drabi s-Seg. Eżekuttiv, spejjeż li kienu jsiru qabel u li l-liġi tal-Kunsilli ma tippermettix li jsiru ma jistgħux jiġu ffinanzjati mill-Kunsill. Fl-istess laqgħa tal-Kunsill kien intqal li l-Kunsill ma setax iħallas għalija pero setat issir bi ħlas minn kull persuna. Fl'ebda ħin ma ntqal li ma tistax issir. Semma wkoll li l-kumitat tal-banda kien urtat għal membru minn dan il-kunsill minħabba li din il-ħarġa l-għada tal-festa s-soltu ssir bħala fundraising min naħa tagħhom.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Tah nformazzjoni dwar il-Hama tat-tonn ġewwa Hondoq. Spjega li hu kien infurmat b'dan fis-6ta' Awwissu. Kien hemm skorċa fil-wiċċ tal-ilma kif ukoll riħa filwaqt li l-għawwiema kien qed ikollhom qisu żejt imwaħħal miegħu. Ir-ramel kien jiżloq, bir-riħa u min jimxi fuqu kien iħalli zlieqa mas-saqajn. Stqarr li hu mar mall-ewwel fuq il-post u nfurma lill-awtoritajiet konċernati biex jieħdu passi immedjati. Spjega li tella posts fuq il-paġna tal-fb tiegħu sabiex jikkreja awareness u jżomm liċ-ċittadini nfurmati. Qal li l-awtoritajiet u s-sidien tat-tuna farms ħadu passi mill-ewwel biex ineħħu kemm jista jkun mill-ħama li kien spiċċa fuq ir-ramel tant li ġew kemm il-darba jnaddfu u anka ħadu r-ramel magħhom biex jaħsluh li kien qed isir taħt il-moniteraġġ tal-ERA. Hu qal li din kienet inizjattiva li ħa hu direttament billi ikkuntatja l-persuni involuti permess tat-telephone. Tkellem mal-MGP u mal-Ministru responsabbli mill-ERA u t-tnejn riedu li din tissolva malajr kemm jista jkun. Temm li jħossu sodisfatt li l-maġġoranza taż-żlieq telaq u Hondoq qed jerġa jiġi lura għan-normal. Jistenna li l-ERA jieħdu l-passi ta' nfurzar u għalhek ippropona li l-Kunsill jitlob lil ERA sabiex id-dħul mil-multi li jkunu imposti fuq il-fish farms jgħaddu lill-Kunsill.
- Staqsa lil Kunsillier K Buttiġieġ jekk jagħmilx xogħol part-time ma Dr. Jonathon Mintoff. Il-Kunsillier K Buttiġieġ qal li le, Dr. Jonathon Mintoff huwa mqabbad jagħmel xogħol ta' avukat mill-employer tiegħu.
- Infurma lill-membri li kull kunsillier għandu ħames minuti assenjati biex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

## 6.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

- Semma dwar l-isquq tal-Kunċizzjoni, Tal-Halq kien bagħat imejl il-Kunsill biex jingħalqu l-gandotti u s-Sindku nfurmah li mhux xogħol li jsir issa. Fuq insistenza tiegħu sar u li kieku ma tkellemx ma kienux isiru.
- Staqsa jekk il-proġetti li semma s-Sindku humiex inklużi fil-budget. Is-Sindku wieġeb li huma proposti u jsiru jekk jġib il-fondi għalihom;
- Staqsa għaliex ma kienux saru l-bankini kollha ta' Triq l-Isqof Buttiġieġ. Is-Sindku wieġeb li se jkompluhom id-dawra kollha mar-roundabout;
- Fakkar dwar il-kamra tad-distillatur li l-kunsill kien qabel li għandha titwaqqa. Kien hemm qbil li nerġgħu nibgħatu reminder biex titwaqqa la din ma għadiex tintuża.
- Semma li jħossu disgustat li l-Kunsill ma ġie nfurmat b'xejn dwar il-ħama ta Hondoq u staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jek l-kunsill kienx irċieva xi korrispondenza dwar dan. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda korrispondenza għajr għall-imejl waħda b'update datata 19ta' Awwissu wara li kienet staqsiet lil ERA għaliex il-Kunsill ma irċieva xejn dwar il-każ. Din l-imejl ġiet ippreżentata lill-membri kollha. Staqsa lis-Sindku jekk kienx irċeviha u s-Sindku wieġeb li le, pero kien ikkupjat fl-imejl u irrimarka li l-kontenut tagħha ġie



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ppublikat fuq il-fb tas-Sindku. Karl staqsa lis-Sindku għalfejn jibqa jaqbeż lill-membri tal-Kunsill u ma jinvolvihomx meta kulħadd qed jitkellem fuqha.

- Semma li hemm bżonn li nsibu li t-triq il-ġdida li nfetħet bejn Triq 30 ta' Ottubru u Triq il-Wardija hix private jew le. Qal li għandha tinkisa bit-tarmak mill-Ministeru u propona li jekk hi triq pubblika tingħata l-isem bid-data tal-festa tal-Patrun, 19ta' Marzu. Kien hemm qbil dwar dan.
- Semma l-bżonn li jsir manutenzjoni lil culvert li hemm il-Kunċizzjoni għaliex qed tħabbat kif ukoll li jsir ftit cement quddiem residenza. Is-SE ħadet nota ta dan.
- Semma li hemm bżonn jinġibed l-attenzjoni sabiex ma jkomplix jinħaslu l-inġenji mis-cement fejn l-impjant tas-cement. Dan minħabba c-cement li qed jitħalla fit-triq. Is-SE ħadet nota ta dan.
- Hemm bżonn ftit cement fit-tarf tas-Sqaq minn Triq taċ-Ċawl l-isfel, peress li għandu r-rampa mkissra pero rridu niċċekjaw hux privat. Is-SE ħadet nota ta' dan.
- Semma l-bżonn li tiġi rilokata l-bus stop tal-Kunċizzjoni u titressaq ftit il-fuq. Kien hemm qbil sabiex nressqu t-talba lil TM.
- Staqsa x'sar mill-fanali l-antiki li nqalgħu mill-Pjazza. Is-Sindku wieġeb li ħadnihom ġo storage għand il-Kuntrattur u se nġibuhom lura.
- Staqsa dwar liema fanali kien qed jirreferi s-Sindku fil-laqgħa preċedenti meta semma għas-sandblasting. Is-Sindku wieġeb li huma ż-żewġ il-fanali l-kbar il-qodma li se jsirilhom powder coating u ser jerġgħu jitpoġġew fejn kienu.
- Semma li baqa l-barriers fit-triq. Is-Sindku wieġeb li tħallew biex jintużaw mill-Għaqda Armar u se jinġabru.

  Is-Sindku rrimarka li s-Sqaq tal-Ħorq sar bis-saħħa tal-MGP. Ta' spjegazzjoni li ngħata l-parir li jkun aħjar li jingħatax cement fis-sajf. Saret l-ewwel parti u se ssir it-tieni parti.

**Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak**

- Semmiet li hija gidba li tal-banda urtati għalija, anzi rringrazzjawha li l-ħarġa tal-Candle light tal-Birgu ħallejta f'idejhom.
- Resqet proposta sabiex issir il-ħarġa għac-Chocolate Fest li se ssir fid-19ta' Ottubru. Kien hemm qbil li jsir bħas-sena li għaddiet u l-Kunsill ikopri parti mill-ispejjeż ta' din il-ħarġa.
- Ressqet il-bżonn li jsiru żewġ bins fejn il-knisja tal-blat. Kien hemm qbil li jsiru fejn il-Knisja tal-blat. Fakkret fil-bins li jridu jsiru quddiem il-Villaġġ San Ġużepp.
- Semmiet il-bżonn li jsir pjan aħjar tat-traffiku għal meta tingħalaq il-pjazza.
- Talbet yellow lines fi Triq ta' Ċini u biex jiġu repainted oħrajn quddiem r-residenza tal-librar. Fakkret fil-linji sofor ta' triq it-28ta' April li baqgħu ma sarux.
- Talbet rendikont ta' kif intefqu l-flus fil-Lejla Għawdxija. Is-Seg. Ezekuttiv infurmata li se tippreżentha fil-laqgħa li jmiss.
- Talbet sabiex tara l-log book tat-trukk.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Staqsiet għall update dwar il-ħsara li saret lill-gallarija tagħha minħabba li ma sarux id-double yellow lines u allura ntlaqtet il-gallarija tagħha.

*Is-Seg. Eżekuttiv ħarġet mill-kamra sabiex iġġib il-log book.*

- Semmiet it-triq ta' Wied Grejgel ta' bejn il-Qala u n-Nadur u għandha bżonn kisja cement.
- Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa kif il-log book ikopri perjodu qasir. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li sar log book ġdid minħabba li dak li kien qed jinżamm ġot-trukk ma nstabx. Għalhekk, issa qed jinżamm fl-uffiċċju u kulħadd jiġi jiffirma hemm. Il-Kunsilliera V C Mejlak qalet lis-Seg. Eżekuttiv li t-trukk jgħajjat lilha u allura responsabbli hi mil-log book. Is-Seg. Eżekuttiv infurmathom li minkejja li jgħajjat lilha zgur mhux jintuża minna. Hi u Karl qalu li t-trukk kien ilu mixtri sentejn u nofs pero s-Seg. Eżekuttiv fakkrithom fid-dewmien li kien hemm biex sar il-logbook, kwistjoni li kienet ilha għaddejja f'diversi laqgħat. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak baqgħat tinsisti li huwa responsabbilta tas-Seg. Eżekuttiv. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li staqsiet għal log book bħal ma kien isir is-soltu u l-ħaddiema ma sabuħx. Immedjatament, sar ieħor li nżamm fl-uffiċċju, u nfurmajt lill-ħaddiema biex iffitxu sew. Is-Seg. Eżekuttiv ikkonfermat li log book kien jinżamm fit-trukk u aċċess għat-trukk kellhom sew il-ħaddiema kif ukoll is-Sindku. Is-Sindku qal li hu ma kellux x'jaqsam mal-log book. Il-Kunsilliera V. C Mejlak qalet li l-Avukat tagħha iċċekja u mhuwiex minnu li s-Seg. Eżekuttiv kienet għamlet rapport fuqha u li mhix se tagħlqilha ħalqha u se tkompli tgħid man-nies. Qalet ukoll li s-Seg. Eżekuttiv qegħda hawn biss biex tikeb il-minuti. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li l-korrispondenza tagħmilha mas-superjuri tagħha u li għandha żball b'dak li qed tgħid. Is-Sindku waqqaf lill-Kunsilliera Valerie C Mejlak pero' hi kompliet tgħid.
- Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak staqsiet lis-Seg. Eżekuttiv għalfejn l-aħħar laqgħa ma kienitx uploaded kollha. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li kieku qrat il-minuti kienet tkun taf għaliex fl-aħħar laqgħa kienet spjegat li l-laptop li jintuża biss biex fuqu jiġu recorded il-laqgħat instab miksur. Spjegat li l-aħħar li ntuża kien minn student tar-Reġjun li ġie jiċċekja l-laptop u b'dan ġie nfurmat il-Manager tal-IT. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak fakret lis-Seg. Eżekuttiv li hi tirrekordja l-laqgħa wkoll fuq il-laptop tagħha. Is-Seg. Eżekuttiv ikkonfermat dan pero din il-laqgħa minkejja li rrekordjat ftit aktar, xorta ma ġietx recorded kollha għaliex kellha l-memory full. Il-Kunsilliera kompliet tgħid u tinsinwa li dan mhux kumbinazzjoni u li qed isiru ħafna affarijiet ġol-kunsill. Il-Viċi Sindku stqarr li hu kien preżenti malli spiċċat il-laqgħa u jikkonferma li veru hekk ġara għax ra b'għajnejh. Is-Sindku taha point of order li dawn l-akkuzi u gideb fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv iridu jieqfu issa. Il-Kunsilliera baqgħat għaddejja. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku sabiex titħalla twieġeb lill-Kunsilliera C Mejlak minħabba li din kull darba qed



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

issemmi laqgħa tal-passat li ma kinitx telgħat online u tinsinwa li din saret apposta. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-membri li l-laqgħa li kull darba ssemmi l-Kunsilliera kienet ġiet corrupted minħabba li hi kienet għalqet il-laptop qabel ma tfit il-program. Ikkonfermat lil kulħadd li hi kienet talbet lill-kuntrattur jipprova jirranġah, tant li kienet batitlu email bil-video pero ma rnexxilux. Kopja ta' din l-imejl li ntbagħtet wara l-imsemmija laqgħa tista tiġi preżentata hawn. Tassigura li min naħa tagħha ma hemm ebda problema li tittella l-laqgħa ta' dak in-nhar u dawn huma insinwazzjonijiet u akkużi infondati. Is-Sindku qal li dan il-punt ġie eżawriet bizzejjed u din id-diskussjoni tieqaf hawn.

### Mill-Kunsillier Rene Abela

- Ressaq il-bżonn li ssir plakka bl-isem tat-triq fi Triq il-Mitħna minn Triq il-Qala. Kien hemm qbil dwar dan.

- Ressaq il-bżonn li jsir il-cold tarmac f'gandott fi Triq ta' Ċini. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

## 6.6 Mozzjonijiet mill-Kunsilliera

Il-Viċi Sindku spjega li Gnien il-Familja għandu bżonn it-tiġdid tiegħu. Għalhekk ressaq proposta li ġiet sekondata mis-Sindku sabiex dan jitranġa. Hu spjega li bħala tindif qed jieħdu ħsiebu bil-ħaddiema tal-kunsill. Hu ppropona sistema ġdida ta' dawl, ġibjun , sistema ta' tisqija, titranġa l-fontana, jinbidlu l-bankijiet u t-tapiti u titranġa l-art. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li kienu saru applikazzjonijiet oħra għal Green Project li l-Kunsill ma kkwalifikax. Is-Seg. Ezekuttiv fakkret li l-Kunsill applika għall-fondi mid-DLG sabiex isir ħafna mix-xogħol ta' tisbiħ f'dan il-ġnien li għadna nistennew r-riżultat tal-applikazzjoni. Kien hemm qbil li ngħaddu d-designs li kienu diġa ġew ippreparati mill-Perit Godwin Sultana lil Perit preżenti biex naraw x'jista jsir. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li għalkemm ngħaddu d-diżinni, u jsir reviżjoni, se jinkorru spejjeż tal-Perit. Il-Viċi Sindku qal li l-ispejjeż ta' dan it-tisbiħ se jkun kopert mill-MGP.

Il-Viċi Sindku semma li għandna jkollna pitch tal-boċċi u l-MGP jridu jagħmlu waħda ta' daqs olimpiku. Iridu jsiru wkoll tnejn oħra bil-qisien bħal dawk lokali. Hu spjega li għandu fethim mall-MGP sabiex jiffinanzja kollox hu, jiġifieri 2 ta' qies normali u 1 ta' daqs olimpiku.

Biex isir dan, qed jitlob lil Kunsill area partikolari minn Ġnien il-Hajja, u ppreżenta site plan li tindika l-area mmarkata. Talab li isir kuntratt bejn il-Kunsill mal-Club tal-futbol a terminu tal-kuntratt eżistenti mal-Lands. Il-Club ikun jamministra l-post. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li minkejja li ma jridx itellef l-proġett, hu ftit xettiku għaliex il-ftit siġar u ambjent li baqa f'idejn il-kunsill ħa jispiċċa kollhu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

*Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fl-17.30pm*

Is-Sindku qal li s-siġar jistgħu jitħarku għall-postijiet oħra u jaqbel li jgħaddu lil Club. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li jħoss li tlett pitches huma ħafna għal Qala, speċjalment meta ħa nitilfu l-uniku ftit li baqalu l-kunsill. Għalhekk qal li proġett ta' dak il-kobor mhux aċċettabbli biex forsi tintuża għal ftit żmien u tintelaq. Talab li l-ewwel jara l-pjanti l-ewwel u wara jkun jista jiddeċiedi. Semma wkoll li rridu naraw mal-Lands kif ukoll il-permessi. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li kienet hi li pproponieta u qbilna li hemm l-aħjar post pero' rġiel oħra indikawla postijiet oħra fejn forsi tista ssir. Il-Kunsillier Rene Abela qabel li s-siġar jsiru post ieħor u Karl fakkar li dwar dan iridu jiġu notifikati l-ERA. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal ukoll li minabba li l-Kunsill ma hux kapċi jieħu ħsiebu allura jitilfu kollu.

Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li l-Kunsill jibda l-proċess sabiex jagħti sublease lil-Club tal-Futbol l-area kif indikata u preżentata mill-Viċi Sindku sat-terminu tal-kuntratt mal-Lands.

Il-Kunsilliera Karl Buttiġieġ u Valerie C Mejlak ivvutaw - Ma jaqblux

Is-Sindku u l-Kunsillier Rene Abela ivuttaw – Jaqblu

Is-Sindku uża l-vito b'vot ieħor favur.

*Il-Viċi Sindku daħal lura fil-kamra fis-17.45p.m.*

## 6.7 Korrispondenza, Materja Amministrattiva, Ilmenti u Suġġerimenti

06.7.1 Stedina mill-MGOZ għall-partċipazzjoni til-programm Milied F'Għawdex 2024 u nistgħu napplikaw għall-fondi għall-attivita'. Nfurmat lill-kamra li kellemna Brandon fejn urha x-xewqa li l-Christmas Market isir wieħed flimkien. Kien hemm qbil sakemm id-dati jibqgħu dawk li ddeċieda l-Kunsill, kif ukoll l-istess isem. Il-Kunsilliera V. C Mejlak qalet li jekk isir wieħed, l-affarijiet għandhom jkunu diskussi flimkien.

06.7.2 Action plan li ġiet komunikata mill-ERA lill-partijiet preżenti fl-onsite meeting fil-Bajja ta' Hondoq li saret fit-12ta' Awwissu 2024.

06.7.3 Tressaq il-bżonn li tiġi miżbura jew maqlugħa kompletament is-siġra tal-bougainvillea li hemm ħdejn il-ġebla wieqfa u li qed tkun problema biex issib lil xi ħadd. Ġie maqbul li din tiġi miżburha u mhux tinqala.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

06.7.4 PA's f'żona ODZ – Kopja kienet intbgħatet lill-membri kollha.

06.7.5 Fid-9ta' Awwissu, l-Kunsill irċieva talba għal aktar kjarifikazzjonijiet min għand l-Awditur Ġenerali u li riedu jiġu nwieġba sal-14ta' Awwissu.

06.7.6 Korrispondenza ma TM dwar it-talba tal-Kunsill sabiex issir raised roundabout fi Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsill qabel li naraw jekk tistax issir xi ħaġa baxxa.

06.7.7 Bidliet fil-permessi – Caravans u Campers fil-lokalitajiet – Avviż Legali 154 tal-2024. Il-bżonn ta applikazzjoni tneħħa imma sar biss bżonn ta' notifika. Din il-korrispondenza intbgħatet lill-membri qabel il-laqgħa.

06.7.8 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Mr. Leon Seth għal filming tal-uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll tal-faċċata tal-Kunsill bħala parti mis-Series Madame Blanc. Il-Kunsill ġab l-approvazzjoni mid-Direttur tal-Gvern Lokali għal dan. Huma qed joffru d-donazzjoni ta' €600 u peress li l-Kunsill ma jistax jaċċetta donazzjonijiet, il-Kunsill qabel li din id-donazzjoni tinqasam bejn il-Mużew Bniet u Subien.

06.7.9 Ġiet approvata s-Supplementary application mal-Job Plus għal Bishnu u għalhekk jista jsir l-commencement form mal-Jobplus kif ukoll il-Kuntratt ta' impjeg. Ma jistax jaħdem aktar minn 20 siegħa fil-ġimgħa. Trid terġa ssir applikazzjoni oħra qabel mal-approvazzjoni tiskada, jiġifieri qabel _ Awwissu 2025. Kien hemm qbil sabiex isir il-Kuntratt ta' Impjieg.

06.7.10 Il-ħaddiema ta-CWS li qed jaħdmu bix-shift u jieħdu ħsieb l-latrina ta' hondoq qed jitolbu li jitħallsu overtime fil-ġranet tal-PH kif ukoll li jitħallsu s-shift allowance. Il-MGP infurmana li se jkun qed iħallas lil kunsill l-ispejjeż relatati mal-ħlas għal overtime. Se jsir kuntratt mal-MGP sabiex il-kunsill jkollu konferma ta' dan ir-rimbors.

06.7.11 Talba għal double yellow lines fi Triq l-Iklin, Triq B. Cagliares, fi Triq il-Kunċizzjoni u fi Triq it-Telgħa. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li wara li tkellemt ma TM, u nfurmajthom li l-kunsill kien qabel li se jsir traffic management tal-Qala kollha, ġie ssuġġerit li kieku jsir traffic management plan għal triq Papa Piu u Triq is-Simar għaliex ir-residenti għandhom bżonnhom ħafna urġenti. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li kieku jsiru t-traffic management ta' dawn iż-żewġ t-toroq issa nkunu nistgħu nsolvu l-linji sofor għal dawn iż-żewġ toroq. Ir-riperkussjonijiet bi traffic management plan holistiku u kif ser jaffettwa toroq dojoq. Peress li hemm item fuq l-agenda se tkompli tkun diskussa aktar tard f'din il-laqgħa, biex nimxu mal-agenda.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

06.7.12 Is-Sinj. Elizabeth Ebejer ressqet suġġeriment li ssir Facebook page tal-Librerija u tkun tieħu ħsiebha hi flimkien mal-Librar. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.13 Ħa jinxtraw 2 inner bins għal ġol-bramel tal-pjazza, money detector għal użu tal-uffiċċju, kif ukoll 3 bramel għall-prezz ta' €286.21 il-wieħed. Inxtara l-grass cutter. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.14 Fl-24 ta' Ġunju kif ukoll fid-9ta' Awwissu intbgħatu tfakkira lid-Direttur Ivan Vella għal update dwar il-petizzjoni tal-bus, pero sal-lum għadna bla tweġiba.

06.7.15 Update dwar is-sitwazzjoni ta' skart mormi quddiem il-kumpless San Ġużepp. Is-Seg. Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ltaqgħu fuq il-post. Hemm ħofra li tħalliet miftuħa kif ukoll wire li jidher li x'aktarx hu tal-elettriku u għalhekk ġie notifikat l-Inġinier Mizzi sabiex jiġi evitat kull periklu. Hemm problema kbira ta' skart li mhux qed joħroġ skont l-iskeda. L-ERA ġew notifikati u saru spezzjonijiet fuq erbat ijiem. Ma nqabad ħadd joħroġ iż-żibel mhux skont l-iskeda. L-ERA nfurmawna li ser jitqassmu l-ittri fil-letterboxes tal-kumpless kollu bil-għan li tiżdied il-konformita' mal-iskeda. Li qed jiġri huwa li l-iskart mhux joħroġ skont l-iskeda u għalhekk jitħalla ħafna żibel quddiem ir-residenza li qegħda fuq quddiem tal-kumpless. Is-Seg. Eżekuttiv resqet għad-diskussjoni l-parir li l-Kunsill ingħatat minn uffiċċjal għoli tal-ERA li jekk ser jitpoġġew il-bins se nkunu qed ninkoraġġixxu aktar rimi barra mill-iskeda sabiex jintrema fil-bin u fil-madwar tiegħu. Fejn sar hekk spiċċaw bi problema ħafna aktar gravi. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak infexxet f'attakki fil-konfront tas-Seg. Eżekuttiv, semmiet li f' ta Kassja hemm il-ħaxix ħażin u ilu ħafna ma jsir. Is-Seg. Eżekuttiv u s-Sindku nfurmawha li fil-ġimgħa tal-festa l-kuntrattur għamel tlett ijiem jiknes f'dik iż-żona u għandhom ir-ritratti ta' qabel u wara li tnaddaf. Il-Kunsilliera kompliet tattakka lis-Seg. Eżekuttiv u qaltilha li hi xogħlha hu li tmur tiċċekja fuq il-post u qegħda hemm biex tesegwixxi l-ordnijiet li jagħtu huma. B'sarkażmu qalet lis-Seg. Eżekuttiv li jekk trid, ħames snin oħra tista toħroġ għall-Kunsill forsi jtellawha n-nies. Kompliet tgħid li sa dak in nhar trid toqgħod għal li tgħid hi. Qalet li fil-laqgħa preċedenti kien ġie maqbul li jsiru l-bins u s-Seg. Eżekuttiv qed tgħid li ma tridx tagħmel il-bins. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet illi hi qeda tipprova tagħmel xogħla u l-Kunsilliera qegħda kontinwament tipprova tinstiga mod ieħor. Spjegat li fl-ebda ħin ma qalet li ma tridx tagħmel il-bins. Is-Sindku ta' ruling għat-tieni darba sabiex il-Kunsilliera Valerie C Mejlak tieqaf immedjatament pero' hi kompliet b'attakki fil-konfront tas-Seg. Eżekuttiv. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li hi ma tieħux deċizzjonijiet imma timxi fuq id-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

deċizzjonijiet tal-Kunsill. Madanakollu, għandha l-obbligu li twassal fuq il-mejda tal-kamra, l-parir li ngħatajna mingħand l-ERA li hija l-Awtorita' kompetenti għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv stqarret li ġaladarba ma tridux tisimgħu il-parir tal-ERA u tridu twaħħlu bins biex fihom jintrema skart residenzjali talbet biex jindikaw l-post eżatt fejn għandhom jitwaħħlu l-bramel. Il-Kunsilliera V. C Mejlak qalet li jeħlu fejn kienu qabel u wara qalet lis-Seg. Eżekuttiv biex jiltaqgħu fuq il-post ħa turija l-postijiet, la hi daqshekk concerned fejn se jeħlu l-bins li l-Kunsill kien diġa qabel li jeħlu. Id-diskussjoni u l-insinwazzjonijiet komplew għaddejja, tant li s-Seg. Eżekuttiv indirizzat lis-Sindku u nfurmatu li hi se tirtira mill-kamra. Dan għaliex ma tistax tibqa tiġi attakkata b'dan il-mod, meta hi qeda tipprova twettaq xogħlha. Kompliet li fl-ebda ħin ma kienet qalet li ma tridx tagħmel il-bins, fakkret li hi ma tieħux deċizzjonijiet għaliex dawk joħodhom il-Kunsill, pero' hi għandha r-responsabbilta' u l-obbligu legali li jekk l-Awtorita kompetenti qed jagħti parir sabiex jitressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, hija dan tressqu għad-diskussjoni. Jekk il-Kunsilliera Valerie C Mejlak trid tkompli ddawwar dan f'akkużi u nsinwazzjonijiet, allura ma tistax tkompli taċċetta dan l-abbuż kontinwu fil-konfront tagħha waqt il-qadi ta' dmirijietha.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li din hija sitwazzjoni tal-mistħija.

*Is-Seg. Eżekuttiv iritirat mill-Kamra fis-18.38p.m*

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekutt



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt